**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D., M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Kumpilazzjoni Nru. 708/18**

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Camilleri**
**Spettur Eman Hayman**
**-vs-**
**Jesmond Portelli**

**Illum, 15 ta' Dicembru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Jesmond Portelli, iben Nazzareno u Mary Grace nee Schembri, imwieled Pieta' fil-5 ta' Marzu 1985, residenti 110B Triq il-Marloċċ Żabbar detentur tal-Karta tal-Identita' numru 162085M;

Akkużat, talli nhar l-4 ta' Novembru 2018 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Ħaż Żabbar u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Filwaqt li kien qiegħed jagħmel delitt kontra l-persuna, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan bi ksur tal-artikolu 55 (a) tal-Kap 480

2. Ikkaġuna lil Redent Thornton biża li tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tiegħu b'diversi atti fosthom theddida b'arma regolari, liema delitt aggarvanti jinbsab fl-artikolu 202 (1) tal-Kodici Kriminali u dan bi ksur tal-artikolu 251B u 251HA tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9

3. Akkużat wkoll talli wettaq l-imsemmija reati waqt li kien taħt Ordni ta' Probation u Servizz mgħotija permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta minn Dr Joseph Mifsud nhar l-14 t'Ottubru 2016.

U nakkuzawh ukoll talli nhar l-4 ta' Novembru 2018 fil-ħinijiet ta' bejn il-18:00 u s-19:00 ġewwa Ħaż Żabbar

a) Mingħajr ma darba jew sawwa, hedded lil Renald Thorton billi qabad arma tan-nar kontra l-istess Renald Thorton

b) Kiser il-bon ordni jew kwiet pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied

c) Kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied, kif ukoll dagħa u kliem faħxi.

Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jigu mibdula.

Il-Qorti ġiet ġentilement mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni inklusa fil-mori tal-kawża kontra Jesmond Portelli a benefiċċju ta' Redent Thorton u familjari tiegħu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'każ ta' ħtija biex tipprovdi għal persuni ta' Redent Thorton u familjari tiegħu jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Jesmond Portelli b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq.

L-Qorti hija ġentilment mitluba f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi tordna lill-imsemmi Jesmond Portelli sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jekk ikun il-kaz kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Eman Hayman u l-ispettur Paul Camilleri**,** qraw u kkonfermaw bil-ġurament l-akkużi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 6 ta' Novembru 2018 quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha eżebiti.

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe':

**PS 1593 Alfred Cachia**, jgħid li nhar l-4 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tal-5:05pm kien infurmat li kien hemm argument quddiem is-Saint James Hospita Ħaż Żabbar fejn intużaw xi armi. Meta mar fuq il-post kellem lil Redent Thorton u qallu li kellu argument ma' Jesmond Portelli u kien ippuntalu arma. Minn naħa tiegħu beda jfittex lil Jesmond Portelli fejn bagħat għalih u ġie l-għassa u fil-fatt kien ħejja r-rapport u esebixxa kopja tiegħu liema dokument gie mmarkat bhala dok AC 1.

**Redent Thornton** għażel li ma jixhidx minhabba li jistgħu jittieħdu proċeduri kriminali kontra tiegħu.

**Garret Chlach** wkoll għażel li ma jixhidx minhabba li jistghu jittieħdu proċeduri kriminali kontra tiegħu.

**Stephen Zerafa** qal li huwa sid il-ħanut Oseris ġewwa l-pjazza ta' Ħaż Żabbar fejn qal li kien offra xogħol lil Jesmond Portelli fuq bażi part-time.

**PS 624 Keith Malon** qal li fil-5 ta' Novembru 2018 kien ġie ordnat sabiex imur flimkien mal-imputat ġewwa r-residenza tiegħu u jagħmel tfittixija kif ukoll fil-karozza tiegħu tal-għamla Honda bin-numru HBO 828. Ġewwa din i-vettura instab pouch ta' senter u fil-bieba sab pepper spray liema oġġetti ġew esebiti waqt li fil-vettura ma nstab xejn. Għal oġġetti misjuba inħarġet riċevuta li tinsab a fol 91.

**Renald Cutajar** qal li kien ġewwa pjazza f'Ħaż Żabbar u ra żewġ persuni li wieħed minnhom għarfu bħala l-imputat u li jafhom u waqt li kien bit-tifla miegħu, inqala argument bejniethom u mar iferraq. Ra lil Jesmond b' xi ħaġa f'idu iżda ma jafx x'kienet iżda qabel il-persuna l-oħra diġa kien attakaħ għax il-ġlied kien kemm bil-kliem kif ukoll bl-idejn. L-oġġett li kellu f'idejh li ma kienx jaf x'inhi rnexxielu jeħodha minn idejn l-imputat u tefgħu qalb is-siġar u ma kienx xebħu ma' xejn.

**Stephen Zerafa** ftakar li fis-sena ta' qabel xehed kien fil-pjazza ġewwa Ħaż Żabbar u ra żewġ persuni jiġġieldu u fosthom kien hemm l-imputat fejn huwa mar iferraq. Il-ġlieda seħħet bl-idejn iżda ma semma xejn aktar dwar x'intqal bħala tgħajjir.

**Jorge Grech** qal bħala rappreżentant tal-Kunsill Lokali li mir-ritratti a fol 92 għaraf il-pjazza li kienet ġewwa Ħaż Żabbar u magħrufa bħala Pjazza San Ġakbu.

**L-ispettur Eman Hayman** qal li fl-4 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tal-ħamsa ta' fil-għaxija kienet daħlet telefonata dwar ġlieda li seħħet fil-pjazza ġewwa Ħaż Żabbar. Redent Thornton għamel rapport li kellu argument mal-imputat fejn skont l-istess rapport, Redent kien ġewwa l-ħanut Osiris u kien hemm anki l-imputat. Ftit tal-ħin wara ġara li Jesmond Portelli beda jgħajjar u joffendi lil Redent u anki ħareġ mus għalih. L-argument dam xi ftit sakemm Jesmond Portelli telaq minn fuq il-post u ġie ftit wara bil-karozza tiegħu u ħareġ senter u ippuntaħ lejn Redent. Illi persuna magħrufa bħala l-fifi ħatfet l-arma minn idejn Jesmond Portelli. Meta ġie arrestat l-imputat saret tfittxija fil-vettura tiegħu u nstabu pepper spray u pouch ta' senter. Ingieb filmat mill-kunsill lokali sabiex jaraw eżatt x'kien ġara. Illi mill-istill li nħarġu mill-filmat deher Jesmond Portelli li ħareġ xi ħaġa mill-bagoll, oġġett u ippuntaħ u ftit wara kien hemm taqbida fejn il-persuna maghrufa bhala l-fifi ha dan l-oġġett fejn l-ispettur qiegħed jgħid li kien senter. Ftit wara ġie Redent u beda jsawwat lil Jesmond Portelli. Minħabba li waqt l-argument kienet issemmiet ħruq ta' vettura, daħal fiha wkoll l-istess spettur Paul Camilleri. L-imputat wieġeb li l-pouch li kien instab fil-vettura tiegħu kien ta' harpoon meta kien gie interrogat u rilaxxa l-istqarrija.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Frar 2021, Redent Thornton iddikjara li ma kellu ebda interess f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti tal-Kaz**

Illi f'dan il-każ l-unika xhieda li taw indikazzjoni ta' seta' ġara kienu l-uffiċjali tal-Pulizija u dan semmew x'kien qal Redent Thornton. Illi pero dan tal-aħħar għazel li ma jixhidx u fl-aħħar seduta wkoll iddikjara li ma kellu ebda interess f'dawn il-proċeduri. Illi skont ma

ħareg mill-provi li l-imputat u Redent Thornton inqala argument bejniethom li eskalat fi ġlieda u l-imputat ħareġ arma tan-nar li ġiet ippuntata lejn il-parte civile. Illi din l-arma li suppost inħarġet waqt l-argument ma nstabitx iżda kien biss mix-xhieda ta' Renald Cutajar li neħħa minn idejn l-imputat xi ħaġa li hu ma ta l-ebda deskrizzjoni x'kienet eżatt iżda biss ftakar li kien neħħieha u tefgħaha qalb is-siġar. Illi xhieda oġra li tressqu ma tantx taw indikazzjonijiet ta' x'ġara dakinnhar ħlief li kien hemm argument bejn iż-żewġ persuni u cioe' l-imputat u persuna oħra.

**Ikkunsidrat**

Illi skond il-liġi proċedurali nostrana, kull qorti, u partikolarment qorti ta' ġudikatura kriminali, għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li tista' ġġib parti. Illi jingħad li l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid bl-aktar mod skjett li "*Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti*". Illi tenut kont ta' dawn ir-**regoli tassattivi ta' proċedura penali**, jingħad li fil-każ biex jiġi sodisfatt dan il-prinċipju "*il-prinċipju kardinali tal-kamp kriminali li sabiex ikun hemm sejbien ta' ħtija il-Prosekuzzjoni trid neċessarjament iġġib u tippreżenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess tagħha. Tant hu hekk illi l-prosekuzzjoni tentuta tippreżenta kull prova kemm dik favur u kemm kontra*" [***Pulizija (Spettur Pierre Grech) v Antoine Agius***.

Illi fuq ir-regola tal-aħjar prova ssir referenza għall-insenjament tal- Professur Mamo, fejn dan jgħid hekk:

> '*The main object of the rules of evidence is to secure, so far as it can be secured, that the evidence given in a judicial proceeding shall be true, and for that reason they* ***require that the best evidence procurable of the matter in dispute shall be given*** *and in a manner which will best ensure the object in view....**The rule as to the production of the best evidence is rigid**, and the mind of the Court is alert to discover, when evidence of an alleged fact is tendered, whether it is not within the power of the person tendering it to produce better evidence of the same fact, and* ***if the court is satisfied that better evidence can be produced it will insist upon the production thereof****...In the **unavoidable** absence of the best or primary evidence, the Court will accept what is known as secondary evidence. Secondary evidence is evidence which suggests on the face of it that other and better evidence exists. It follows that* ***it will never be received until the party tendering it proves what it is out of his power to obtain other evidence****...*';

Aktar minn hekk il-**Profs Mamo** jisħaq li huwa biss jekk u wara li l-Qorti tkun konvinta li l-aħjar evidenza ma setghetx tingieb, li l-Prosekuzzjoni tingħata l- fakulta li ġġib evidenza ta' natura sekondarja.

**L-akkuża taħt l-artikolu 55 (a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta**

Illi l-imputat qiegħed jigi akkużat li fil-mument li kien qiegħed jagħmel delitt kontra persuna kellu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari. Illi l-prosekuzzjoni qiegħda tibbaża l-provi tagħha mix-xhieda ta' Renald Cutajar. Illi dan tal-aħħar ikkonferma biss li l-imputat kellu xi ħaġa f'idu u li rnexxielu jeħodha minn idejh iżda ma semma xejn x'setgħet kienet dak l-oġġett li kellu f'idu. Illi

minn naħa l-oħra meta xehed l-istess spettur Hayman semma li f'idejn l-imputat kellu senter. Illi din il-konklużjoni waslet skont l-istills tal-filmat li ġie analizzat jidher persuna li kellu oġġett f'idu li qiegħed jiġi ippuntat lejn xi ħadd. Illi għandu jingħad li din il-Qorti sabiex tasal għal konkluzjoni ta' x'kien dak l-oġġett trid tinġieb il-prova tagħha u mhux tassumi x'seta kien. Illi huwa minnu li mit-tfittxija li saret fil-vettura tal-imputat instab li kien hemm pouch u pepper spray (illi ħadd minn dawk li xehedu ma qalu li ntuża xi pepper spray) liema pouch skont hu kien għal harpoon li lanqas dan ma nstab mill-Pulizija. Illi għalkemm Renald Cutajar semma li l-imputat kellu xi ħaga f'idejh ma semma xejn li setgħet kienet xi arma regolari jew imitazzjoni tagħha jew inkella xi arma tan-nar. Illi kien biss l-ispettur Hayman li kkonkluda li kienet hekk iżda ma ressaq l-ebda provi li l-oġġett li kellu f'idejh kienet arma tan-nar. Illi għalhekk din il-Qorti ma tistax issib ħtija taħt din l-akkuża.

**L-akkuża taħt l-artikolu 251B u 251AH tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

Illi f'dan il-każ l-unika xhud li seta jagħti indikazzjoni fuq din l-akkuża partikolari huwa biss Redent Thornton. Illi f'dan il-każ Redent Thornton lanqas biss xehed f'dawn il-proċeduri sabiex jgħid eżattament dak li qiegħed jitlob li jrid jiġi pruvat taħt dak li hemm fl-artikolu 251B. Illi f'dan il-każ ma tresqqet l-ebda prova fuq din l-akkuża u għalhekk din il-Qorti m'għandiex triq oħra li tillibera lill-imputat minn din l-akkuża.

**L-akkuża dwar ksur tal-Ordni ta' Probation kif ukoll taħt dak li hemm fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Illi l-Qorti wara li rat l-atti ta' dan il-proċess il-prosekuzzjoni lanqas resqet prova waħda kemm ta' din l-Ordni ta' Probation li kien ingħata fl-14 t'Ottubru 2016 u lanqas ma nġiebu sentenzi li juru li kien reċediv. Illi għalhekk din il-Qorti ma tistax issib ħtija li l-imputat kiser xi ordni ta' probation jew inkella li kien reċediv stante li ma nġiebet ebda prova ta' xi sentenzi fil-konfront tiegħu.

**L-akkużi ta' natura Kontravenzjonali**

Illi f'dan l-aħħar akkużi l-imputat qiegħed jiġi akkużat fost oħhrajn li hedded lil ċertu Renald Thornton. Illi f'dan il-każ din il-persuna li suppost seħħew dawn it-theddid lanqas biss inġiebet tixhed. Illi f'dan il-każ fl-akkuża bl-ittra (a) lanqas ġiet ippruvata stante li ma kien hemm ebda prova f'dan il-każ li xi hadd bl-isem ta' Renald Thorton xehed kontra l-imputat.

Illi l-aħħar żewġ akkużi u cioe' l-(b) u (c) huma konnessi ma' xulxin f'dan il-każ. Illi mix-xhieda li nġiebu mill-prosekuzzjoni ħadd minnhom ma semma li kien hemm għajjat jew intqal li kien hemm xi dagħa u kliem faħxi. Illi pero l-unika xhieda u cioe' Stephen Zerafa u Renald Cutajar semmew li kien argument u li l-imputat iġġieled iżda ġadd minnhom ma semma li kien hemm xi dagħa. Illi f'dan il-każ sabiex tinstab ħtija taħt dak li hemm f'dawn l-akkużi huwa li kiser il-bon ordni. Illi jiġi nnotat li l-akkużi (b) u (c) huma simili għal kollox u għalhekk l-akkuża (b) hija assorbita fl-akkuża (c). Illi mix-xhieda mressqa din il-Qorti tara li l-imputat kaġun tal-argument li kellhu qajjem kommossjoni tant li kien hemm diversi nies oħra li kellhom jintervjnu u jferqu u jikkalmaw is-sitwazzjoni. Illi għalhekk din il-Qorti qiegħda ssibu ħati tal-kontravenzjoni għal dak li hemm fl-akkuża (c).

**Decide:**

Għal dawn l-mottivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 55(a) tal-Kap 480, l-artikoli 251B, 251HA, 339(1)(b) u 338(dd) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ssibx ħati lill-imputat Jesmond Portelli ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u għaldaqstant tilliberaħ minnhom, ma ssibux ħati ta' l-imputazzjoni immarkata (a) filwaqt li qieghda ssibu hati tal-imputazzjoni (c) filwaqt li l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (c) u tikkundannaħ għal ammenda komplessiva ta' ħamsin Ewro (€50).

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**

**Deputat Reġistratur**